

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/842 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta’ Pariġi”

(COM(2021) 555 final — 2021/0200 (COD))

(2022/C 152/31)

Relatur: **Veselin MITOV**

Korelatur: **Udo HEMMERLING**

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 13.9.2021 Kunsill, 17.9.2021
Bażi legali	Artikoli 304 u 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Agricoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent
Adottata fis-sezzjoni	25.11.2021
Adottata fil-plenarja	8.12.2021
Sessjoni plenarja Nru	565
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	220/4/8

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jilqa’ l-proposta tal-Kummissjoni biex jiġi emendat ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi (ESR) – ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta’ gassijiet serra mill-Istati Membri – sabiex jiġi allinjat il-kontribut tar-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi lejn il-kisba ta’ ambizzjoni akbar għall-2030 immirata lejn il-Patt Ekoloġiku Ewropew u tradotta mill-bqija tal-pakkett “Lesti għall-mira ta’ 55 %” fazzjoni konkreta.

1.2. Għalkemm iż-żieda fl-ambizzjoni tal-miri tal-UE għat-tnaqqis tal-emissjonijiet hija rispettabbli meta mqabbla mal-livell internazzjonali, anke dawn l-isforzi msaħħa jistgħu jonqsu milli jagħtu kontribut sinifikanti minn ekonomija sinjura u li storikament hija emittent ewlieni għal xenarju ta’ tisħin massimu ta’ 1,5 °C sa tmiem is-seklu, minħabba wkoll it-tbassir drammatiku stabbilit fir-rapport AR6 ippubblikat reċentement mill-IPCC (2021) ⁽²⁾. Għal din ir-raġuni, huwa vitali li l-mira ta’ tnaqqis ta’ 55 % fl-UE kollha sal-2030 tiġi implimentata, u l-isforzi tal-Istati Membri huma ta’ importanza kritika hawnhekk. Għalhekk, il-KESE jirrikonoxxi li huwa kruċjali li jkun hemm miri ambizzjużi u vinkolanti taħt l-ESR għall-Istati Membri.

1.3. Il-livell għoli ta’ ambizzjoni klimatika għall-pakkett kollu “Lesti għall-mira ta’ 55 %” huwa għalhekk inkontestabbli. Fl-istess ħin, l-effetti distributtivi ta’ din l-azzjoni klimatika meħtieġa jistgħu jkunu sinifikanti (kemm bejn l-Istati Membri kif ukoll fi ħdanhom) u għalhekk jenħtieġ li jiġu indirizzati kif xieraq.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta’ gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta’ Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26).

⁽²⁾ IPCC (2021): Sommarju għal dawk li jfasslu l-politika. F“Climate Change 2021: The Physical Science Basis. Contribution of Working Group I to the Sixth Assessment Report of the Intergovernmental Panel on Climate Change” (It-tibdil fil-klima 2021: Il-bażi fiżikali u xjentifika. Il-kontribut tal-Grupp ta’ Ħidma 1 għas-Sitt Rapport ta’ Valutazzjoni tal-Grupp Intergovernattiv ta’ Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima) [MassonDelmotte, V., P. Zhai, A. Pirani, S.L. Connors, C. Péan, S. Berger, N. Caud, Y. Chen, L. Goldfarb, M.I. Gomis, M. Huang, K. Leitzell, E. Lonnoy, J.B.R. Matthews, T.K. Maycock, T. Waterfield, O. Yelekçi, R. Yu, u B. Zhou (eds.)]. Cambridge University Press.

1.4. Il-KESE għalhekk jaqbel mal-fehma li għandhom jiġu kkunsidrati d-differenzi bejn l-Istati Membri sabiex ikunu żgurati ġustizzja u kosteffettività massimi. Biex tinkiseb kosteffettività ġenwina u b'mod ġust, il-kalkoli tal-kondiviżjoni tal-isforzi għandhom jindirizzaw iż-żewġ aspetti fl-istess ħin u jstabbilixxu miri b'mod li t-tnaqqis tal-ispejjeż tal-emissjonijiet relattiv għall-PDG ikunu l-istess għal kull pajjiż. Sabiex jikkompensa għan-nuqqasijiet tal-kondiviżjoni tal-isforzi, il-KESE jaqs ir-rwol tal-mekkaniżmi ta' flessibilità bħala kruċjali, u dawn jisthoqqlhom attenzjoni speċjali.

1.5. L-integrazzjoni għandha ssir b'tali mod li ssaħħa il-progress lejn newtralità klimatika fit-tul u għalhekk jeħtieġ li jitqiesu kemm it-tnaqqis tal-emissjonijiet u s-sekwestru tal-karbonju, kif ukoll l-isfidi tal-adattament u s-sigurtà tal-ikel.

1.6. Bil-għan li tiġi stabbilita sistema ġdida għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għat-trasport bit-triq u l-bini, il-KESE jappoġġja l-proposta attwali tal-Kummissjoni li dawn is-setturi jinżammu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ESR anke wara li tiġi stabbilita sistema ġdida għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għat-trasport bit-triq u għall-bini u jieħu nota li t-tnaqqis fl-emissjonijiet b'riżultat tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet f'dawn is-setturi ser jgħoddu għall-isforzi tal-Istati Membri biex jilhqnu l-obbligi tal-ESR. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-hteġa li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jittrattaw l-interfaċċa bejn iż-żewġ sistemi b'mod trasparenti u bla xkiel.

2. Kummenti ġenerali

2.1. Bħala parti mill-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55%" inniedi mill-Kummissjoni Ewropea fl-14 ta' Lulju 2021, din il-proposta għandha l-għan li temenda l-ESR sabiex tallinja l-kontribut tiegħu lejn il-kisba tal-mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet b'55% għall-2030 f'konformità mal-Liġi Ewropea dwar il-Klima. It-tnaqqis globali jeħtieġ li jidded b'madwar 11-il punt perċentwali mill-mira ta' tnaqqis ta' 29% għall-2030 tal-ESR li ġiet stabbilita fl-2018. F'din l-Opinjoni, il-KESE jesprimi l-fehmiet tiegħu dwar ir-Regolament propost dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030.

2.2. Il-proposta għal ESR hija parti mill-implimentazzjoni tal-impenn tal-UE li tnaqqas l-emissjonijiet tagħha ta' gassijiet serra b'tal-inqas 55% sal-2030, meta mqabbel mal-livell tal-1990. Kif ġie propost mill-Kummissjoni, il-mira tal-2030 tesiġi tnaqqis ta' 61% tal-emissjonijiet fis-setturi li jaqgħu taħt l-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS), tnaqqis ta' 43% fl-ETS separata proposta għat-trasport u l-bini u ta' 40% f'setturi oħra (mhux ETS), kollha mqabbla mal-livelli tal-2005.

2.3. Ir-Regolament propost japplika għat-trasport bit-triq u l-bini, li jkunu koperti minn sistema separata għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet, kif iddikjarat fil-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55%" kif ukoll għan-navigazzjoni domestika tal-UE, u għal setturi u attivitajiet mhux tal-ETS bħall-agrikoltura u l-iskart. Il-KESE jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni li żżomm l-ESR għas-setturi msemmija hawn fuq. Il-valur miżjud mistenni ta' dan huwa, skont il-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni, li jiġi żgurat li dawn is-setturi ser iwasslu għat-tnaqqis meħtieġ tal-emissjonijiet u li Sistema (estiża) għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għandha titqies bħala appoġġ addizzjonali biex tintlaħaq l-ambizzjoni miżjuda tal-2030. Il-valutazzjoni tal-impatt tindika wkoll li ż-żieda tal-miri nazzjonali taħt l-ESR ser teħtieġ reviżjoni tal-prinċipji tal-ġustizzja u l-kosteffiċjenza. Għalhekk jista' jkun hemm b'żonn ta' strumenti komplementari (suq u regolamentazzjoni) għal setturi b'riġiditajiet tas-suq (nuqqas ta' aċċess għal soluzzjonijiet affordabbli b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju) fejn il-popolazzjoni (b'mod partikolari l-gruppi bi dħul baxx) hija affettwata direttament. Iż-żamma ta' dawn is-setturi fi ħdan il-possibiltajiet regolatorji tal-Istati Membri li jaġixxu taħt l-ESR tiggarantixxi li jinkisbu r-riżultati mfittxija u tista' tipprovdi protezzjoni u ġustizzja aħjar. Huwa għalhekk li l-KESE jappoġġja l-proposta attwali tal-Kummissjoni biex dawn is-setturi jinżammu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ESR anke wara li tiġi stabbilita sistema ġdida għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għat-trasport bit-triq u għall-bini. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-hteġa li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jittrattaw l-interfaċċa bejn iż-żewġ sistemi b'mod trasparenti u bla xkiel.

2.4. Il-Kummissjoni tipproponi li jinżammu l-miri nazzjonali diversifikati għat-tnaqqis tal-emissjonijiet bil-għan li jaderixxu mal-prinċipji ta' ekwità u kosteffettività mitluba mill-Kunsill Ewropew. Il-miri riveduti għat-tnaqqis tal-gassijiet serra tal-Istati Membri individwali fis-setturi tal-ESR għall-2030 ivarjaw minn 10% sa 50% meta mqabbla mal-livelli tal-2005. Il-KESE jappoġġja bil-qawwa l-kunċett li dawk l-Istati Membri li huma l-aktar attrezzati ekonomikament biex inaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra għandhom jagħmlu relattivament aktar, filwaqt li l-potenzjal ta' tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet għandu jiġi kkunsidrat ukoll u, għal dan il-għan, il-mekkaniżmi ta' flessibilità għandhom jagħtu kontribut sinifikanti.

2.5. Fir-rigward tal-mekkaniżmi ta' flessibilità, għandhom jiġu applikati wkoll il-flessibilità bejn l-Istati Membri u l-flessibilitajiet maż-żmien permezz tal-banek jew tas-self, filwaqt li jitqiesu l-kapaċitajiet differenti mill-Istati Membri, soluzzjonijiet kosteffettivi u l-effett taċ-ċikli ekonomiċi.

2.6. Il-Kummissjoni tipproponi li tissokta sistema ta' flessibilità li tippermetti li l-allokkazzjonijiet tal-emissjonijiet jiġu trasferiti bejn l-Istati Membri u maż-żmien. Il-Kummissjoni tipproponi wkoll flessibilitajiet ġodda li jippermettu lis-settur tal-kondiviżjoni tal-isforzi biex iwettaq ċerti compromessi mal-ETS u s-setturi LULUCF.

2.7. Il-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" jindirizza wkoll il-monitoraġġ u r-rapportar tal-gassijiet serra, inklużi r-regoli ta' kontabbiltà għall-użu tal-art u l-forestrija.

3. Kummenti speċifiċi

3.1. Il-Kummissjoni ġustament tikkunsidra l-prinċipji ta' ġustizzja u kosteffettività fil-proposta tagħha. Il-KESE jaqbel li d-differenzi bejn l-Istati Membri għandhom jiġu kkunsidrati sabiex ikunu żgurati kemm il-ġustizzja kif ukoll il-kosteffettività. Dan huwa biex jirrifletti d-differenzi fil-karatteristiċi speċifiċi u l-punti tat-tluq tal-Istati Membri, kif ukoll il-potenzjal ekonomiku tagħhom f'dak li jirrigwarda t-tnaqqis tal-emissjonijiet.

3.2. Il-KESE jenfasizza li meta jitqiesu l-miri nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u kif dawn jistgħu jinkisbu b'mod ġust u kosteffettiv, is-sussidji statali eżistenti għall-ġenerazzjoni u l-konsum tal-enerġija fossili għandhom jitneħħew gradwalment b'mod meqjus.

3.3. Madankollu, il-KESE jwissi li l-approċċ propost iqis il-ġustizzja u l-kosteffettività separatament minn xulxin. Biex jinkiseb l-aktar eżitu effettiv fil-livell tal-UE b'kosteffettività ġenwina b'mod ġust, il-kalkoli għandhom ikopru ż-żewġ aspetti b'mod komprensiv fil-Istati Membri kollha.

3.4. Rigward l-użu tal-art u l-forestrija – suġġett għal proposta separata iżda b'xi rilevanza għal setturi oħrajn ukoll – il-Kummissjoni tipproponi li l-emissjonijiet u l-assorbimenti, ikkalkulati skont ir-regoli tal-kontabbiltà, iridu jkunu f'bilanċ f'kull Stat Membru. Bl-inklużjoni tal-bjar tal-karbonju fil-mira tal-UE tal-2030 għat-tnaqqis tal-gassijiet serra, l-assorbimenti netti tal-gassijiet serra fis-settur tal-LULUCF jiżiedu għal 310 miljun tunnellata. Filwaqt li l-KESE jqis li ż-żieda fl-ambizzjoni hija meħtieġa, huwa jirrimarka li l-assorbimenti tal-karbonju m'għandhomx jitqiesu bħala mekkaniżmu għall-kumpens tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' setturi oħra.

3.5. Il-KESE jemmen li jeħtieġ li jkun hemm sistema effiċjenti u trasparenti biex jiġu ssorveljati r-riżultati tal-flessibilitajiet. Għalhekk, il-qafas ta' monitoraġġ attwali li jopera permezz tar-reġistru stabbilit mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1124⁽³⁾ jenħtieġ li jittejjeb biex jiġi żgurat li d-data tat-tranżazzjonijiet, inkluż l-użu tal-flessibilitajiet, tkun kompletament disponibbli għall-pubbliku⁽⁴⁾.

3.6. Fir-rigward tal-miri nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex teżamina liema karatteristiċi tal-Istati Membri minbarra l-PDG per capita biss għandhom jitqiesu meta jiġu stabbiliti miri nazzjonali (eż. l-intensità tal-karbonju, reġjuni vulnerabbli) bil-ħsieb ukoll li jingħata appoġġ permezz tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tal-UE.

Brussell, it-8 ta' Diċembru 2021.

Christa SCHWENG

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽³⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1124 tat-13 ta' Marzu 2019 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2019/1122 fir-rigward tal-funzjonament tar-Reġistru tal-Unjoni skont ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 177, 2.7.2019, p. 66).

⁽⁴⁾ Bħalissa, id-data tat-tranżazzjonijiet, inkluż l-użu tal-flessibilitajiet, hija disponibbli għall-pubbliku (Reġistru tal-Unjoni). Barra minn hekk, il-Kummissjoni tirrapporta kull sena dwar il-konformità mal-leġiżlazzjoni kollha tal-UE dwar il-klima, permezz tar-Rapport ta' Progress dwar l-Azzjoni Klimatika.